V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10141 — Sanacorp Pharmahandel/Leopold Fiebig and Gerda Nückel)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 47/08)

1. Fl-1 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Leopold Fiebig GmbH & Co. KG (il-Ġermanja),

— Gerda Nückel GmbH (il-Ġermanja),

— Sanacorp Pharmahandel GmbH (il-Ġermanja), finalment ikkontrollata minn Astera SA (Franza) u Sanacorp eG Pharmazeutische Großhandlung (il-Ġermanja).

Sanacorp Pharmahandel GmbH takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Leopold Fiebig GmbH & Co. KG u Gerda Nückel GmbH kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sanacorp Pharmahandel GmbH hija bejjiegħ bl-ingrossa ta' prodotti farmaċewtiċi u li toperaw fis-suq Ġermaniż.

— Leopold Fiebig GmbH & Co. KG hija bejjiegħ bl-ingrossa ta' prodotti farmaċewtiċi bbażati f'Rheinstetten, li topera fil-Ġermanja ċentrali u tan-Nofsinhar.

— Gerda Nückel GmbH hjija s-sieħba ġenerali ta' Leopold Fiebig GmbH & Co. KG.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

M.10141 — Sanacorp Pharmahandel/Leopold Fiebig and Gerda Nückel

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË